VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,553, 12 ta' Diċembru, 2025
Taqsima B

A.L. 284 tal-2025

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI
(KAP. 364)

Regoli tal-2025 li jemendaw ir-Regoli dwar Ħelsien mit-Taxxa fuq l-Income u mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħet mogħtija bl-artikoli 12(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* u l-artikolu 22A tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2025 li jemendaw ir-Regoli dwar Ħelsien mit-Taxxa fuq l-Income u mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà (Emenda Nru 2) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Ħelsien mit-Taxxa fuq l-Income u mit-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regoli prinċipali".

L.S. 123.203.
L.S. 364.19.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subregola (1) tagħha l-kliem "l-31 ta' Diċembru 2025" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-31 ta' Diċembru 2026";

(b) fis-subregola (2) tagħha l-kliem "31 ta' Jannar 2026" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "31 ta' Jannar 2027".

Temenda r-regola 7 tar-regoli prinċipali.

3. Ir-regola 7 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subregola (1) tagħha l-kliem "l-31 ta' Diċembru 2025" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-31 ta' Diċembru 2026";

(b) fis-subregola (2) tagħha l-kliem "mill-31 ta' Jannar 2026" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-31 ta' Jannar 2027".

VERŻJONI ELETTRONIKA

Temenda r-regola 13 tar-regoli prinċipali.

4. Fis-subregola (1) tar-regola 13 tar-regoli prinċipali l-kliem "mill-31 ta' Jannar 2026" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-31 ta' Jannar 2027".